Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

[Av. Sean Gabriel Azzopardi]
[Av. Danika M. Vella]
[Spettur Joseph Busuttil]
[Spettur Doriette Cuschieri]

vs

Luca Agius

Kumpilazzjoni Numru: 280/2023

Illum, tmienja (8) ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Luca Agius** detentur tal-karta tal-identità numru 0397104L f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli fiz-Zejtun, Malta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023):

1. **Wettaq atti ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' -Omissis- imwielda nhar it--Omissis-, liema att, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati msemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 fis-Sub-Titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), liema delitt sar fuq persuna li tkun minuri, liema delitt, jew id-delitti relatati saru ripetutament, u liema delitt twettaq fuq persuna vulnerabbli ghaliex hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;**

2. **Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioè ma' -Omissis-, imwielda nhar it--Omissis-;**

3. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioè lil -Omissis-, imwielda nhar it--Omissis-;

4. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kannabis specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kannabis, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, liema reat jikkonsisti f'bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri;

6. U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recediv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6 (2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawza, u f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittmi msemmija kif ukoll ghal familjari taghhom, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artiklu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta, kemm waqt il mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffrizar' u tissekwestra u/jew izzomm f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew imissu lill-imputat jew huma proprjetà tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jwieghed, jipoteka, jew ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella mizmuma minnha ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija jew htijiet, barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti fil-Ligi u b'zieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, tal-corpus delicti u l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jigi mir-reat jew ta'

**dik il-proprjetà li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta' dan ir-rikavat kif ukoll tal-proprjetà kollha tal-imputat fit-termini kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-Kodici Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni datata tmintax (18) t'April 2023 a favur -Omissis- u l-familjari taghha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, 2024 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 207, 202 (g)(j)(k) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 204C (1)(3); 208AC (2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 203 (1)(1A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 6 (2) tal-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Jannar 2025 u semghet it-trattazzjoni tad-difiza fis-seduta datata erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 2025.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi xehed **<u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u>** li pprezenta kunsens tal-Avukat Generali, il-fedina penali tal-akkuzat, stqarrija tal-akkuzat, stqarrija ta' -Omissis-, rifjut tad-dritt tal-avukat, certifikat tat-twelid tal-akkuzat u certifikat tat-twelid ta' -Omissis-. Jghid li fl-ewwel (1) t'April 2023 il-Pulizija rceviet rapport ta' persuna nieqsa bl-isem ta' -Omissis-. Jghid li l-ghada din il-persuna li hija minuri

ta' tlettax (13)-il sena nstabet u rrappurtat dak li kien gralha u cioè li kienet marret tiltaqa' ma' shabha hdejn il-bahar u f'hin minnhom Luca Agius kien taha daqqa fuq il-warrani. Kien ghalhekk li hi nizlet tghum sabiex tevitah. Izid jghid li f'hin minnhom l-akkuzat mar jixtri l-haxixa minghand xi hadd u flimkien mal-vittma minuri hu rembel xi joints u pejpuhom flimkien. Jixhed li wara ftit il-vittma minuri, l-akkuzat u l-kugina tal-vittma minuri qaghdu go wied fejn pejpu iktar haxixa u wara l-akkuzat u l-istess vittma minuri dahlu go post abbundanat gewwa z-Zejtun. Dan il-post kien ir-residenza tal-akkuzat fejn kien jabita m'ommu u kien ghalhekk li jaf kif tinfetah. Kien f'dak il-lejl u go dak il-post li l-akkuzat u -Omissis- kellhom x'jaqsmu sesswalment madwar tliet (3) darbiet u mar-raba' darba l-vittma minuri waqfitu.

Ikompli jghid li l-Magistrat tal-Ghassa u cioè l-Magistrat Dr Victor Axiak, gie infurmat mill-Ispettur Doriette Cuschieri b'dan kollu u kien ghalhekk li nfethet inkjesta u nhartru numru ta' esperti. Jghid li l-akkuzat kien jaf li -Omissis- ghandha l-età ta' tlettax (13)-il sena stante li kienu jikkomunika tramite Messenger u hi kienet wegbitu li sejra taghlaq erbatax (14)-il sena. Jixhed li l-akkuzat kien gie arrestat u ttehditlu l-istqarrija u dan wara li rrifjuta l-jedd

tal-assistenza legali. Izid jghid li l-akkuzat ammetta li kien qieghed il-bahar ma' -Omissis- u li bil-flus ta' kugintha kien xtara l-haxixa u pejpuha flimkien u ftit wara pejpu sigarett ta' haxixa mhux imhallat bit-tabakk li jinhass iktar l-effett tal-kannabis. Jghid li l-akkuzat ammetta wkoll li kellu x'jaqsam sesswalment mal-vittma minuri ghal tliet (3) darbiet u fir-raba' (4) darba l-vittma minuri waqfitu. Intant -Omissis- ammettiet mieghu li hi kienet digà esperjenzat affarijiet ta' natura sesswali simili izda mhux is-sess orali.

Illi xehdet <u>Dr Katya Vassallo</u> li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat liema traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1 kif ukoll traskrizzjoni tad-dikjarazzjoni ta' -Omissis- immarkat bhala Dok. KV2.

Illi xehdet il-vittma minuri **<u>-Omissis-</u>** bis-sistema awdjo-viziva li kellha tlettax (13)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tixhed li hi ilha taf lill-akkuzat minn Marzu tas-sena 2023 u cioè minn dakinhar li kienu ltaqghu l-ewwel darba hdejn il-bahar. Tghid li kienet gabitu l-kugina -Omissis- taghha gewwa Birzebbuga hdejn il-bahar. Tixhed li hdejn il-bahar nizlu jghumu meta eventwalment kugintha

xtrat il-haxixa minghand l-akkuzat. Izzid tghid li eventwalment kienet qieghda tpejjep din il-haxixa ma' -Omissis-. Tixhed li eventwalment intilfet il-kugina u kien ghalhekk li hi, l-akkuzat u xi hbieb ohra marru jfittxuha go wied. Tkompli tghid li eventwalment kulhadd telaq ghal rasu u hin minnhom spiccaw hi u l-akkuzat biss. Tixhed li kien hemmhekk gol-wied li kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat u dan bil-kunsens taghha. Tghid li fil-fatt l-akkuzat kien egakola go fiha. Tippreciza li ghar-rigward il-joint li pejpet hdejn il-bahar kien l-akkuzat li rembel sigarett u kienet kugintha li tatha s-sigarett. Tkompli tixhed li eventwalment iddecidew li jmorru go dar abbandunata fejn kien jirrisjedi l-akkuzat u dak il-lejl wettqu l-att sesswali ghal erba' (4) darbiet u dan bil-kunsens taghha. Tghid li kien hemm mument fejn wettqet sess orali fuq l-akkuzat. Tikkonferma li qabel din l-esperjenza hi ma kinitx vergni. Tixhed li l-ghada filghodu hi marret lura d-dar u hadet il-morning after pill.

Inkontroezami tikkonferma li l-akkuzat orignarjament ma kienx ghadda l-haxixa direttament lilha izda iktar tard kien taha sigarett b'haxixa u minghajr tabakk. Tikkonferma li kienet pejpet dan is-sigarett. Tixhed li god-dar taz-Zejtun ma kienx hemm dawl izda

ma kienx dlam cappa allura setghet tara wicc l-akkuzat. Izzid tghid li matul l-att sesswali hi kienet liebsa u l-akkuzat kien ressaq il-qalziet ta' taht taghha sabiex ikunu jistghu jkollhom x'jaqsmu sesswalment.

Illi xehdet <u>-Omissis-</u> bis-sistema awdjo-viziva u li hija l-kugina ta' -Omissis-. Tghid li hi taf lill-akkuzat Luca Agius meta kienet iltaqghet mieghu l-bandli u kienet kelmitu flimkien ma' -Omissis-. Tikkonferma li kien hemm xi hbieb ohra dakinhar ukoll. Kien ftit wara li ddecidew li jmorru jghumu l-bahar gewwa Birzebbuga. Tixhed li meta kienu l-bahar l-akkuzat kien xtara l-haxixa u -Omissis- halsitu ghaxar ewro (€10) ghal zewg (2) joints. Tghid li hi u -Omissis- pejpu s-sigaretti u dan wara li l-akkuzat kien rembilhom. Izzid tghid li eventwalment hi marret ma' xi hbieb gol-wied li kien fil-vicinanzi izda ma kinitx mal-akkuzat u ma' -Omissis-.

Illi xehdet <u>l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud</u> li pprezentat Social Inquiry Report immarkat bhala Dok. MM1. Tghid li hi ilha ssegwi lill-akkuzat minn mindu kellu erbatax (14)-il sena u dan stante li kellha ordni minn Qorti tal-Minorenni. Tixhed li eventwalment

kienu gew registrati denunzji fil-konfront tieghu u li dawn id-denunzji dahlu fis-sehh tant li l-akkuzat skonta sentenza karcerarja. Izzid tghid li hi kienet qieghda ssegwi lill-akkuzat tramite Ordni ta' Trattament li spicca fit-tmienja (8) ta' Settembru 2023. Tghid li l-akkuzat kien ikun mghejjun u influenzat b'mod pozittiv mill-ufficjali tal-probation izda kif kien imiss ma' certu hbieb il-progress jintilef. Tixhed li l-akkuzat ghandu kaz iehor b'akkuzi ta' sess ma' minuri. Tikkonferma li fir-rapport taghha hi wettqet intervista mal-vittma minuri.

Tkompli tixhed li l-akkuzat kien ghadda minn certu trawmi u minn rapport li kienet talbet mill-Qorti tal-Minorenni hareg li l-istess Luca Agius kien ipejjep il-kannabis, jixrob l-alkohol u jpejjep il-kokaina. Izzid tghid li l-akkuzat kien gie dijanjozat bl-ADHD. Tixhed li hi u l-kollegi taghha setghu jinnotaw il-progress meta l-akkuzat kien jiehu tip ta' medicina sal-punt li kien jaghmel dak li kien hemm bzonn jaghmel sabiex jibqa' f'kuntatt mal-ufficjali tal-probation inkluz li jaqbad mal-WiFi pubbliku tal-pjazza sabiex izomm appuntament online mal-istess ufficjali tal-probation. Tghid ukoll li bhala pjan ta' kura hemm pjan ta' kura li huwa wiehed holistiku.

Illi xehed <u>Johan Ciantar</u> li huwa haddiema socjali u jghid li kemm ilu jsegwi lill-akkuzat mill-habs hu seta' jara kambjament kbir fih. Jixhed li kieku hemm programm pjanat ghalih li huwa wiehed holistiku gewwa l-Ibwar u li huwa twil sena. Jixhed li emfazi partikolari jinghata fuq il-problemi ta' sustanzi kif ukoll fuq problemi psikologici. Jikkonferma li l-Ibwar joffri anke terapija sabiex jindirizza problemi fil-familja.

Illi xehdet <u>id-Deputat Registratur Benjamina Mifsud</u> li pprezentat il-Proces Verbal bin-numru 448/23 dwar allegat attività sesswali ma' minuri fl-1 ta' April 2023 gewwa z-Zejtun. Tali Proces Verbal gie mmarkat bhala Dok. BM1.

Illi xehdet <u>Gabriella Buttigieg</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-Correctional Services Agency li tghid li r-rwol taghha huwa ta' Care Plan Coordinator. Tippreciza li hi tfassal pjan ta' kura ma' professjonisti u li l-pjan ta' kura ghall-akkuzat kien jikkonsisti milli jattendi terapija ma' certa Sarah Farrugia, li jattendi l-appuntamenti psikjatrici gewwa l-Facilità Korrettiva kif ukoll li hi tahdem fuq il-motivazzjoni biex l-akkuzat jattendi programm residenzjali minhabba l-uzu tad-droga.

Illi xehdet **Sarah Farrugia** li tghid li ilha ssegwi l-progress tal-akkuzat minn Gunju tas-sena 2018 kif ukoll bejn is-sena 2020 u s-sena 2023. Tixhed li fl-ahhar ftit zmien li kienet qieghda ssegwih l-akkuzat kien qieghed jattendi t-terapija b'mod konsistenti. Tghid li l-attitudni ta' Luca Agius kienet pjuttost negattiva fil-bidu izda maz-zmien tjiebet. Tixhed ukoll li l-akkuzat kien ghadda minn zghozija trawmatika stante li diversi esperjenzi hallew impatt fuqu. Tkompli tghid li l-akkuzat mhux dejjem kien kapaci jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu u facilment seta' jsir aggressiv. Il-fatt li kien imewwet l-emozzjonijiet tieghu ma kinitx tghinu sabiex jesprimi ruhu. Izzid tghid li fis-sena 2019 kien sar rapport fuq l-akkuzat li rrizulta li mhuwiex kapaci jippjana minn qabel u dan kagun ta' diversi problemi fosthom li ghandu ADHD. Dan ifisser li l-akkuzat ibati biex jiffoka u jikkoncentra. Apparti minn hekk gie nnutat li l-akkuzat dejjem wera xi tip ta' rigress meta jissieheb ma' zghazagh ikbar minnu fl-età. Tixhed li hi qieghda tahdem mieghu sabiex ittejjeb l-imgiba u l-impulsi tieghu kif ukoll sabiex jirraguna ahjar f'hajtu. Izzid tghid li l-problema tad-droga kienet ilha prezenti fil-hajja tal-akkuzat tant li kien sar dipendenti fuqha sabiex imewwet l-emozzjonijiet tieghu. Kien ghalhekk li stante li gie inkarcerat kien importanti li jidhol go programm mal-Caritas u kien hemmhekk li

l-akkuzat wera progress filwaqt li hadmet mieghu sabiex itejjeb il-boundaries fizici kif ukoll emozzjonali. Tixhed ukoll li l-pjan li ssemma minn Gabriella Buttigieg huwa idoneju sabiex l-akkuzat jahdem fuq ir-relazzjoni tieghu mal-familja.

Illi xehed <u>PS 1405 Dylan Gerada</u> li jghid li meta dahal rapport fl-ewwel (1) t'April 2023 fis-sebgha neqsin tmien minuti ta' filghaxija hu kien is-Surgent li kien qieghed ilahhaq il-lokal ta' Birzebbuga meta l-kollega tieghu PC 220 kien infurmah li kien dahal rapport ta' persuna nieqsa li hija minuri u cioè -Omissis-. Jixhed li hu gabar id-dettalji u eventwalment informa lill-Ispettur tal-Ghassa u cioè Spettur Kitcher. Kien ghalhekk li nizzel lil -Omissis- bhala nieqsa fuq is-sistema u dan anke ghall-beneficcju tal-RIU.

Illi xehed <u>PC 441 Matthew Darmanin</u> li jghid li fl-ewwel (1) t'April 2023 hu kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga u ghas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija kienet dahlet -Omissis- sabiex tirrapporta rigward l-fatt li bintha -Omissis- (li hija fostered) kienet giet nieqsa. Jghid ukoll li dan sehh meta hi waslet lil -Omissis- sabiex tiltaqa' ma' shabha sakemm twassal lil ohtha lejn il-Fgura izda meta regghet giet lura Birzebbuga sabiex tigborha ma

setghetx issibha u lanqas ma rnexxielha tikkomunika maghha. Jixhed li wara iktar investigazzjonijiet gara li -Omissis- setghet kienet ma' habiba taghha bl-isem ta' -Omissis-. Din il-habiba accediet gewwa l-Ghassa u infurmatu li -Omissis- setghet kienet fil-vicinanzi ta' Wied il-Buni izda meta mar lejn dawk in-nahat hu ma nzerta lil hadd. Jixhed li wara iktar investigazzjoni dahlet informazzjoni li -Omissis- kienet gewwa dan il-wied flimkien ma' certu -Omissis- u fil-fatt dan il-guvni gie mitkellem li zvela li hu kien ser iwassal lil -Omissis- sal-Ghassa izda ma rnexxilux jikkonvinciha.

Illi xehed <u>PC 220 Shaun Spiteri</u> li jghid li hu kien orderly gewwa Birzebbuga meta certa -Omissis- wettqet rapport ta' persuna nieqsa fis-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija. Jghid li -Omissis- hija l-genitur foster ta' -Omissis- u ohtha -Omissis-. Jghid li gie rrappurtat li -Omissis- halliet lil -Omissis- gewwa Pretty Bay ma' xi hbieb taghha sakemm marret tigbor lil -Omissis- mill-Fgura. Jixhed li però meta -Omissis- regghet marret lura Pretty Bay nofs siegha wara hi ma sabitx lil -Omissis- hemmhekk u l-probabilità kienet li hi kienet ma' habiba taghha certa -Omissis-. Izid jghid li kien ghalhekk li hu ghamel kuntatt ma' -Omissis- li infurmatu li -

Omissis- qieghda ma' certu -Omissis-. Jixhed li dan -Omissis- mar l-ghassa wahdu stante li -Omissis- harbet gol-ghelieqi. Jghid li dan ir-rapport sehh fl-ewwel (1) t'April 2023 fis-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija.

Illi xehdet <u>PC 2342 Francesca Formosa</u> li tghid li fit-tnejn (2) t'April 2023 kienet xoghol gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga u kien ghalhekk li hadet handover ta' kaz ta' persuna nieqsa u cioè ta' -Omissis-. Tixhed li hi rceviet telefonata minn -Omissis- li spjegat li saret taf li -Omissis- kellha tiltaqa' ma' certu Luke u offrielha sabiex torqod fir-residenza ta' fuqu li kienet vojta. Tixhed li fl-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu accedew gewwa l-Ghassa Support tal-One Have Home li jinsab f'Marsaskala fejn Deborah Muscat u Elaine Vassallo nghatalhom ic-cellulari ta' -Omissis- fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Gabriel Kitcher u dan sabiex jaraw il-movimenti tal-istess -Omissis-. Jghid li mic-chats tac-cellulari gie nnutat li -Omissis- kienet ser tiltaqa' ma' certu Luca. Ghall-habta ta' nofsinhar cemplet is-Support Worker Elaine Vassallo sabiex tinfurmah li -Omissis- irritornat lura u kien ghalhekk li nizlet l-Ghassa flimkien ma' -Omissis- kif ukoll ma' Support Worker ohra u cioè Bronia Mamo. Jghid li dawn wettqu rapport fil-konfront ta'

Luca Agius stante li fl-ewwel (1) t'April 2023 l-istess Luca Agius kien rembel joint fil-prezenza ta' -Omissis- u fil-fatt offrielha dan il-joint li hi pejpet. Jghid li -Omissis- spjegatlu li iktar tard hi u Luca Agius dahlu go dar abbundanat fil-vicinanzi tal-Miracle Foods fejn hemmhekk gol-kamra tas-sodda kellha x'taqsam ma' Luca Agius b'mod sesswali. Izid jghid li matul dan l-avveniment hi kienet ghadha taht l-influenza tal-haxixa izda kien hemm drabi fejn hi tat kunsens lil Luca Agius u drabi ohra fejn ma tatx kunsens. Ikompli jghid li -Omissis- stqarret li hi u Luca kellhom x'jaqsmu madwar erba' (4) darbiet fejn tlieta (3) minnhom l-istess Luca kien egakola go fiha. Kien ghalhekk li huma raqdu lejl shih hemmhekk. L-ghada hi marret lura god-dar residenzjali u wara li sarilha test ghad-drogi rrizulta li kienet pozittiva ghal THC. Jghid li -Omissis- qaltlu li Luca Agius kien jaf li hi kellha tlettax (13)-il sena.

Illi xehed <u>PS 970 Ray Galea</u> li jghid li fit-tnejn (2) t'April 2023 gie infurmat minn PC 2342 li gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga kienu ghadhom kif dahlu zewg haddiema socjali flimkien ma' -Omissis- li kienu wettqu rapport ta' stupru fil-konfront tal-akkuzat. Jixhed li hu kien kellem lill-vittma minuri fil-prezenza ta' Elaine Vassallo u Bronia Mamo u l-istess vittma minuri spjegatlu li fl-ewwel (1)

t'April 2023 kienet nizlet Birzebbuga sabiex tghum ma' kugintha -Omissis- u l-akkuzat kif ukoll xi hbieb ohra. Izid jghid li l-akkuzat kien xtara haxixa u rembel sigarett u offrieha lill-vittma minuri sabiex tpejjep. Jixhed li eventwalment kienu spiccaw l-akkuzat u -Omissis- biss u kienu mxewha saz-Zejtun. Dahlu go dar abbundanata fejn kellhom x'jaqsmu sesswalment madwar erba' (4) darbiet. Stqarret mieghu li l-akkuzat kien ippenetraha u kien hemm drabi fejn hi tat il-kunsens taghha u drabi ohra le. Ipprecizat mieghu li l-akkuzat egakola go fiha tliet (3) darbiet u kien anke qabadha minn rasha sabiex twettaq sess orali fuqu. Kien ghall-habta ta' nofsillejl li telqu mid-dar u rritornat lura sad-dar residenzjali fejn hi ramiet il-hwejjeg taghha ghal hasil.

Ikompli jixhed li l-vittma minuri kkonfermat mieghu li l-akkuzat kien jaf li hi kellha tlettax (13)-il sena u meta kienet kellmet lill-haddiema socjali kienu saru diversi testijiet tad-droga u rrizulta li hi giet pozittiva ghas-sustanza THC. Jixhed li waqt li -Omissis- qieghda taghmel id-dikjarazzjoni taghha inzerta mar l-Ghassa l-akkuzat sabiex jirritorna cellulari ta' -Omissis-. Jixhed li hu eleva dan ic-cellulari kif ukoll ta' persuna ohra. Jikkonferma li l-Ispettur Doriette Cuschieri kienet talbet il-ftuh ta' Inkjesta Magisterjali u

fil-fatt kienu gew mahturin diversi esperti. Jixhed li eventwalment l-akkuzat spicca taht arrest u ttehditlu l-istqarrija. Kien wara li nghata ghajnuna medika stante li kellu ugigh f'idejh. Jikkonferma li mis-sistema rrizultalu li l-vittma minuri kellha rapport ta' persuna nieqsa miftuha fuq isimha.

Illi xehdet <u>l-Ispettur Doriette Cuschieri</u> li tghid li fit-tnejn (2) t'April tas-sena 2023 l-Ghassa ta' Birzebbuga kienet irceviet rapport minn Elaine Vassallo u Bronia Mamo (li huma haddiema socjali) flimkien ma' -Omissis-. Tghid li l-minuri kienet irrappurtat li l-gurnata ta' qabel hi kienet qieghda hdejn il-bahar ma' xi hbieb fosthom Luca Agius u kugintha -Omissis-. Tghid li Luca Agius kien f'xi hin ipprokura xi haxixa, rembilha u offrieha lil -Omissis- sabiex tpejjep mieghu. Tghid li -Omissis- kompliet tistqarr li iktar tard spiccat wahedha ma' Luca Agius gewwa wied u eventwalment marru go dar abbandunata gewwa z-Zejtun. Tkompli tixhed li -Omissis- stqarret li kien hemmhekk li hi u Luca Agius ippartecipaw f'attivitajiet sesswali bejn tliet (3) u erba' (4) darbiet u dan kollu kien sar bil-kunsens taghha. Tixhed ukoll li l-vittma minuri kienet infurmat lill-akkuzat li hi kellha tlettax (13)-il sena. Tixhed li l-ghada -Omissis- marret lura god-dar residenzjali fejn wettqet test

tad-drogi u tali test irrizulta fil-pozittiv. Izzid tghid li hi kienet talbet ghal ftuh ta' Inkjesta Magisterjali liema talba giet akkordata mill-Magistrat Dr Victor Axiak li hatar numru ta' esperti. Tghid li eventwalment gie arrestat Luca Agius u kien ta l-istqarrija tieghu fejn hu ammetta li kellu relazzjoni sesswali mal-vittma minuri kif ukoll li kien xtara l-haxixa u taha lill-istess vittma minuri sabiex tpejjipha.

Illi xehdet l-Assistent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali **Marica Mifsud** li kkonfermat li z-zewg (2) sentenzi moghtija fil-konfront tal-akkuzat fl-erbatax (14) ta' Novembru 2019 u fid-dsatax (19) ta' Gunju 2019 huma *res judicata* stante li ma hemmx appell minnhom u lanqas multi.

Illi xehed **Keith Cutajar** li kien gie mahtur fit-tmintax (18) t'April tas-sena 2023 sabiex iwettaq analizi fuq l-esebiti mmarkati Dok. JB4 u Dok. JB5. Jixhed li esebit minnhom huwa cellulari tal-ghamla Vodafone VFD 2527 u l-esebit l-iehor huwa cellulari tal-ghamla Redmi Xiaomi ta' lewn blu. Jikkonferma li l-analizi taz-zewg (2) cellulari sehh b'success.

Illi xehdet **Dr Ana Thomas** li tghid li hi kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwerenti Dr Victor Axiak fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali numru 218/2023 u li l-inkarigu taghha kienet sabiex tassisti lil Dr Veronica Ellul Federici sabiex tuza l-esperjenza legali taghha bl-ghan li jingabru u jigu ppreservati l-provi u jigi stabbilit n-natura tar-reat u jekk kienx hemm malvivent identifikabbli. Tixhed li kienet accediet gewwa l-Isptar Mater Dei flimkien ma' Dr Veronica Ellul Federici u flimkien mal-haddiema socjali Gillian Spiteri u s-Support Worker Elaine Vassallo kienu kellmu lill-vittma minuri -Omissis-. Tixhed li l-vittma minuri sahqet maghha li l-attivitajiet sesswali ma' Luca Agius kienu saru b'mod kunsenswali u dan minghajr ebda vjolenza uzata kontriha. Tixhed li dan kollu gie redatt f'rapportipprezentat u mmarkat bhala Dok. AT1.

Illi xehdet **Dr Marisa Cassar** li kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwerenti Dr Victor Axiaq dwar allegat stupru fuq persuna ta' -Omissis- gewwa fond iz-Zejtun nhar it-tnejn (2) ta' April 2023. Ipprezentat ir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. MC1.

Illi xehdu konguntivament **Kaylen Borg u Rebekka Bartolo** li kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jelevaw oggetti

relatati mal-kaz, jiehdu ritratti tal-vittma, tal-akkuzat kif ukoll ritratti tal-fond numru 1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Zejtun. Tali ritratti gew immarkati Dok. CB1.

Illi xehdet <u>**Dr Veronica Ellul Federici**</u> li tghid li kienet giet mahtura mill-Magistrat Inkwerenti Dr Victor Axiaq flimkien mal-Avukat Dr Ana Thomas sabiex tisma' x-xhieda tal-vittma minuri -Omissis-. Idderigiet rapport datat sittax (16) t'Ottubru 2023 li gie mmarkat bhala Dok. VEF1. Tikkonferma li tali xhieda ttiehdet gewwa l-Isptar Mater Dei u setghet tinnota li -Omissis- kienet ghajjiena hafna stante li kienet giet invistata minn diversi professjonisti.

Illi xehdet <u>**Deborah Muscat**</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li tghid li hi tahdem bhala Support Worker mat-tfajliet. Tikkonferma li l-vittma minuri hija klijenta taghha u li fit-tnejn (2) t'April 2023 kienet marret gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga sabiex jigi vverifikat tramite c-cellulari fejn setghet kienet -Omissis-.

Illi xehdet <u>**Elaine Vassallo**</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li tghid li tahdem bhala Support Worker. Tixhed

li fit-tnejn (2) ta' April 2023 -Omissis- kienet giet iddikjarata nieqsa izda f'hin minnhom giet lura tinhasel u fethet qalbha maghha. Tixhed li l-vittma spjegat x'gara l-gurnata ta' qabel u cioè li ltaqghet mal-kugina taghha -Omissis- kif ukoll ma' xi zghazagh ohra. Tghid li -Omissis- xtrat il-haxixa minghand Luca Agius u hi tatha lil -Omissis-. Izzid tghid li wara ftit il-grupp inqasam u -Omissis- spiccat bla cellulari. Stante l-fatt li ma kellhiex cellulari u li kienet qieghda tigi affettwata mill-kannabis iddecidiet flimkien ma' Luca Agius sabiex jidhlu go post iz-Zejtun li huwa abbandunat sabiex jorqdu hemmhekk. Kien hemmhekk li hi u Luca Agius kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien. Tghid li -Omissis- stqarret maghha li kien hemm darbtejn li l-atti sehhew bil-kunsens u tnejn ohra li sehhew minghajr kunsens. -Omissis- stqarret ukoll li kien hemm mument fejn Luca Agius kien anke sforzaha sabiex twettaq sess orali fuqu. Ghar-rigward egakolazzjoni, -Omissis- stqarret maghha li dan sehh erba' darbiet u tlieta minnhom sehhew gewwa.

Tkompli tghid li kien ghalhekk li -Omissis- ittiehdet sabiex isir test ghad-drogi u fil-fatt irrizulta fil-pozittiv ghal THC kif ukoll ghal anphetamine (dan l-ahhar wiehed irrizulta fin-negattiv mat-tieni

test). Kien ghalhekk li ttiehdet l-Ghassa tal-Pulizija sabiex -Omissis- twettaq rapport fil-konfront tal-Luca Agius li kumbinazzjoni nzertawh hemmhekk stess stante li kellu c-cellulari ta' -Omissis- u xtaq jirritornah lura. Tghid li wara -Omissis- ittiehdet l-isptar fejn saru diversi testijiet forensici fuqha. Tikkonferma li hi ma kinitx marret mal-vittma minuri d-Depot l-ghada.

Illi xehdet **Bronia Mamo** ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li tghid li hi tahdem bhala Support Worker. Tixhed li fit-tnejn (2) t'April tas-sena 2023 -Omissis- kienet irritornat lura d-dar residenzjali li tinsab gewwa z-Zonqor u dan wara li kienet giet irrappurtata nieqsa. Tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li l-gurnata ta' qabel waqt li kienet taht il-kura u kustodja tal-foster parent hi thalliet wahedha u qaghdet ma' xi zghazagh. Izzid tghid li f'mument minnhom il-minuri intilfet stante li l-grupp inqasam. Kompliet tistqarr maghha li hi hadet zewg (2) joints tal-kannabis minghand kugintha li xtrathom minn Luca Agius. Tghid li -Omissis- marret ma' Luca Agius go xi post gewwa z-Zejtun u kien ghalhekk li ttiehdet sabiex jitwettqu testijiet ghad-drogi kif ukoll

diversi testijiet forensici u dan wara li -Omissis- ittiehdet l-Ghassa ta' Birzebbuga. Ipprezentat sett ta' noti mmarkati bhala Dok. BM1.

Illi xehdet <u>Dr Tatjana Kenkovski</u> li tghid li hija ginekologa u li fit-tnejn (2) t'April 2023 hi nvistat lil -Omissis-. Tixhed li hi wettqet rapport li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. TK1. Tghid li f'dan ir-rapport hi nizzlet dak kollu li ezaminat u sabet. Tixhed li wara li ezaminat il-kampjuni li nghatawlha mill-Pulizija mit-Taqsima tal-Forensika hi kkonkludiet li l-griehi li kellha -Omissis- kienu konsistenti ma' penetrazzjoni vaginali.

Illi regghet xehdet <u>l-Ispettur Doriette Cuschieri</u> li pprezentat sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Lara Lanfranco fit-tmienja (8) ta' Gunju 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Luca Agius immarkata bhala Dok. DCX.

Illi regghet xehdet <u>Dr Katya Vassallo</u> li pprezentat traduzzjoni tar-rapport immarkat Dok. TK1 u tali traduzzjoni giet immarkata bhala Dok. KV1.

Illi regghet xehdet **<u>Benjamina Mifsud</u>** ghan-nom u inrapprezentanza tad-Direttur tar-Registratur tal-Qrati Tribunali u Kriminali. Tghid li s-sentenza esebita u mmarkata bhala Dok. DCX hija *res judicata* stante li ma hemmx appell minnha.

Illi xehed <u>Saviour Lia</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-Caritas li jghid li kienet ittiehdet decizjoni sabiex jigi sospiz il-programm ta' riabilitazzjoni tal-akkuzat. Dan stante l-fatt li fit-tielet (3) fazi minn erbgha (4) l-attitudni ta' Luca Agius beda jaqleb ghall-aghar. Kien ghalhekk li ttiehdet decizjoni li sospensjoni tal-programm ta' erba' (4) gimghat kienet wahda gusta u dan sabiex l-istess Luca Agius ikun jista' jirrifletti fuq x'irid ghalih innifsu. Jixhed li f'dawn l-erba' (4) gimghat il-Caritas xorta wahda zzomm kuntatt mieghu u dan sabiex ma jintilifx il-progress li digà ghamel.

Illi xehdet <u>Sharon Micallef nee Grillo</u> li tghid li hi taf lil -Omissis- stante li kienet il-foster parent taghha u ghaliex ghadha tikkomunika maghha. Tixhed li meta nqala' l-allegat reat hi ma kinitx il-foster parent izda kienet il-kuntatt socjali taghha minhabba l-fatt li -Omissis- kienet tirritorna lura lejn id-dar residenzjali. Tixhed li hi kienet foster parent minn mindu -

Omissis- kellha l-età ta' tliet (3) snin sas-sena 2022. Tixhed li f'April tas-sena 2023 kienet wettqet rapport stante li dak iz-zmien kellha bzonn tmur tigbor lil oht -Omissis- (-Omissis-) mill-Fgura u l-istess -Omissis- xtaqet tibqa' hdejn il-bahar gewwa Birzebbuga ma' kugintha. Tghid li hi halliet lit-tifla hemmhekk izda meta regghet ghaddiet ghaliha ma sabithiex hemmhekk u kien ghalhekk li marret taghmel rapport l-Ghassa. Tixhed li taf li -Omissis- kienet spiccat ma' guvni dakinhar li giet nieqsa izda ma tafx iktar dettalji u lanqas biss taf min hu dan il-guvni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat, fost l-ohrajn, bir-reat ta' korruzzjoni ta' persuna minorenni kif sancit mill-Artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali:

> *"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin."*

Illi reat iehor li jinsab akkuzat bih l-imputat huwa dak ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens kif dettat mill-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi tali reat huwa aggravat stante li d-delitt allegatament sar kontra persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-Artikolu 202 (g) tal-Kodici Kriminali:

*"Il-piena stabbilita ghad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, tizdied bi grad sa zewg gradi fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*g. meta d-delitt isir fuq persuna li tkun minuri"*

Illi dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri - Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni versu dik tal-akkuzat li ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni izda wiegeb ghad-domandi kollha fl-istqarrija tieghu. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza x-xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u il-veracità tal-istess testimonjanza.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-*

> *gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

> *"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for*

*the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi din il-Qorti, hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesta mil-ligi u cioè li tali xhud tkun taf l-importanza li tghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehmet li riedet tghid tali verità kif ukoll illi l-età taghha (li ma kinitx ghadha ta' età tenera) ghenitha aktar tifhem l-importanza ta' gurament.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-

[1] Emfazi tal-Qorti

imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat li bih huwa addebitat l-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong*

*against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettaljiipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

> *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[4] inghad is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

Illi jinghad li l-verzjoni tal-minuri ghandha titiqies bhala wahda korretta u certa u dan stante l-verzjoni taghha giet ikkorroborata ma' dik li ta l-akkuzat fl-istqarrija tieghu fejn hu stess ammetta li hu ippartecipa f'atti ta' natura sesswali mal-vittma minuri. Illi din il-verzjoni giet ukoll ikkorroborata minn xhieda ohra. Il-Qorti sejra tispjega ghalfejn sejra taghmel referenza ghall-istqarrija tal-akkuzat fil-paragrafi li gejjin.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa ma nqediex bit-tali dritt.

Illi di più, din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu u fil-fatt ma nqediex b'tali dritt.

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea f'**<u>Beuze vs. Belgium</u>** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the*

*proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-*Grand Chamber* f'Beuze. Fil-kaz **Farrugia v. Malta**, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-*overall fairness*.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet <u>Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta</u> (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

> *"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13*

*September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9*

*February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi jidher car illi f'dan il-kaz, jekk wiehed kellu jhares lejn il-fedina penali tal-imputat, johrog bic-car li huwa kien digà nstab hati fuq reati ohra u ghalhekk kien ben midhla tas-sistema kriminali.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-*overall fairness* rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ghar-rigward tal-ewwel (1) akkuza li titratta fuq l-atti sesswali minghajr kunsens kif sancit fl-Artikolu 207, il-Qorti tirrimarka li l-element krucjali sabiex tipprova dan ir-reat huwa n-nuqqas ta' kunsens tal-parte civile.

Illi hareg mill-provi li matul dan il-lejl f'April, il-vittma minuri fl-ebda mument ma wriet certu sens ta' biza' u lanqas li kellha xi nuqqas ta' kontroll fuq dak kollu li kien qieghed jigri.

Illi fix-xhieda taghha stess il-minuri tixhed hekk:

| | |
|---|---|
| *"Qorti:* | *... Jigifieri l-ewwel haga inti xtaqt lkollok x'taqsam mieghu?* |
| *Xhud:* | *Jien ghidt iva jien m'ghidtx le* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Qorti:* | *... Jigifieri inti kont all right iha din il-haga li jegakola go fik. Kien liebes xi haga hu?* |

*Xhud:* *M'ghidtlux le jien le"*

Illi l-minuri tkompli tghid hekk a fol. 82 tal-atti processwali:

*"Xhud:* *Hu ried imbaghad jiena ghedt le u m'ghamel xejn*

*Qorti:* *Jigifieri wara r-raba' darba*

*Xhud:* *U x'hin ghedt le hu waqaf"*

Illi din l-attitudni ta' -Omissis- jaf huwa attribwibbli ghal fatt li din l-esperjenza ta' sess ma kinitx l-ewwel wahda taghha kif ammettiet hi stess. Illi ghalhekk il-Qorti taqbel mal-argument tal-avukat difensur li l-element tan-nuqqas ta' kunsens ma giex ippruvat u ghalhekk sejra tillibera lill-akkuzat mill-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat Luca Agius qed jigi akkuzat ukoll taht dak dispost fl-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Luca Agius u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku.

Illi jidher mic-certifikat tat-twelid (Dok. LC5) esebit fl-atti l-imputat kellu tmintax (18)-il sena mentri mic-certifikat tat-twelid a fol. 15 tal-atti processwali l-minuri -Omissis- kellha tlettax (13)-

il sena meta sehh l-allegat reat. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' hames (5) snin biss.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens, l-età ta' bejniethom kienet qrib hafna u li l-maturità rispettiva taghhom hija simili tant li ma gie riskontrat l-ebda dizabilità mentali fl-ebda miz-zewg partijiet, il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ghar-rigward ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri sancit mill-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**<u>Professur Mamo</u>** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat:

> *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence,*

> *whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegata vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni.

> *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-<u>Professur Mamo</u> ikompli jghid li:

> *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts, which acts must be committed*

*either on the person of the minor or at least in his presence".*

Isostni wkoll illi:

> *"to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l- atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz

inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind*

*of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:

*"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana **(Cass. pen. n. 44681/2005 – 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

*"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

Illi prova tal-allegat korruzzjoni hu prevalenti fix-xhieda tal-vittma minuri stante li x-xhieda taghha qieghda titiqies bhala kredibbli u dan kif ikkonfermat mill-verzjoni moghtija fl-istqarrija tal-akkuzat. Wara kollox kien l-akkuzat stess li stqarr fl-istqarrija tieghu a fol. 47 *et sequitur* tal-atti processwali li kellu x'jaqsam sesswalment mal-vittma minuri kif ukoll li kien anke egakola go fiha.

Illi *di più* hareg ukoll li l-akkuzat kien jaf bl-età tal-vittma minuri u fil-fatt din il-Qorti sejra taghmel referenza ghac-chats li gew estratti mic-cellulari tal-vittma minuri u li gew esebiti minn Keith Cutajar a fol. 328 tal-atti processwali. Hawnhekk b'mod car u tond -Omissis- tinforma lill-akkuzat li hi kienet sejra taghlaq erbatax (14)-il sena.

Illi hija ghal din ir-raguni li din il-Qorti sejra ssib lill-akkuzat hati tat-tielet (3) akkuza kif dedotta kontrih.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fir-rigward l-akkuzi relatati mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat stess jammetti li hu mar jixtri l-haxixa fl-istqarrija

tieghu a fol. 51 u 52 tal-atti processwali. Jammetti wkoll li kien hu li pprovda sigarett tal-haxixa ghal -Omissis-. Stante l-ammissibilità tal-istqarrija ta' Luca Agius kif ukoll din l-ammissjoni diretta l-Qorti sejra ssib htija ukoll fuq ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li din giet ippruvata permezz ta' sentenza pprezentata u mmarkata Dok. DCX liema sentenza giet ikkonfermata li saret res judicata u dan skont ix-xhieda moghtija mid-Deputat Registratur Benjamina Mifsud. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 49 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> *"Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin tapplika:*
>
> *a. jekk jidher li hu ffirmat minn imhallef, magistrat jew ufficjal tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza; jew*

*b. jekk jidher li hu ccertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità ohra responsabbli ghall-gustizzja jew ghall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza, sew jekk ikun b'sigill u sew jekk le; jew*

*c.* ***jekk jidher li hu awtentikat b'gurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.***[5]*"*

Illi dawn is-sentenzi gew ikkonfermati mill-istess xhud bil-gurament taghha. Stante l-fatt li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fit-tmienja (8) ta' Gunju 2022 kien ghadu fit-terminu kif stipulat mill-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u stante l-fatt ukoll li l-akkuzat kien gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' tliet (3) xhur, din il-Qorti sejra tirrifletti l-aggravju tar-recidivizmu fil-piena li sejra taghti.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

[5] Emfazi ta' din il-Qorti.

Illi l-akkuzat mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri wera r-rieda sabiex jirriforma ruhu u jsib certu stabbilità f'hajtu. Huwa fatt li l-akkuzat ftit li xejn kellu trobbija serena tant li spicca ssieheb ma' nies li introducewh ghad-dinja kriminali. Huwa ghalhekk ta' konfort ghal din il-Qorti li diversi haddiema socjali xehdu fil-pozittiv ghal dak li ghandu x'jaqsam l-attitudni tal-akkuzat ghat-trattament tant li gie mhejji pjan mill-agenzija Caritas[6] li tkompli turi l-fiducja li tali agenzija ghandha fl-akkuzat. *Di più* l-Qorti taghmel taghha dak li kkonkludiet l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud a fol. 117 tal-atti processwali:

> *"Jidhol gewwa program residenzjali jew permezz ta' sentenza karceraja jew inkella jinghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jird jibda u jispicca l-programm residenzjali b'success u dan kollu jkun abbinat ma' Ordni ta' Supervizjoni mill-Ufficjal tal-Probation. Dan sabiex ikun zgurat li huwa qed jinghata ghajnuna psikologika, psikjatrika, socjali u jitghallem jghix fis-socjetà kif ukoll jitghallem jikkontrolla l-attitudni, hsibijiet u imgiba tieghu."*

[6] Ezebit a fol 591 tal-atti processwali.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tirrifletti din ir-rakkomandazzjoni fil-piena li sejra taghti.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francis Bonnici</u>** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjetà tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjetà biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjetà u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dean Micallef** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs.*

*Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*
>
> > *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata*

> *ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*
>
> *(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li*

*tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u*

*ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi l-imputat wera bic-car li hu lest li jbiddel hajtu u jirriforma ruhu. Il-Qorti hija konsapevoli wkoll tal-fatt li l-istess imputat filwaqt li kellu trobbija xejn facli, kien anke gie dijanjostikat bil-kundizzjoni tal-ADHD, izda b'determinazzjoni u fejn irid jista' jeghleb dan l-ostaklu u jiffoka fuq x'inhu l-ahjar ghazla ghalih. Ghandu jinghad li l-imputat ghandu jkompli jahdem fuqu nnifsu.

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva mhijiex wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja u dan anke sabiex

jigi protett il-progress li ghamel l-istess imputat f'dawn l-ahhar snin.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 49, 50, 203 (1), 203 (1A), 204C (1) u 204C (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 8 (a) u 8 (b) u 22 (2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Luca Agius** hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih u, stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tat-tielet (3) akkuza, timponi fuqu Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin, filwaqt li tilliberah mill-ewwel akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **Luca Agius** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordnijiet ghandhom jifformaw part integrali minn din is-sentenza.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Luca Agius** ihallas l-ammont ta' hdax-il elf u tliet mija u sebgha u hamsin ewro u seba' centezmi (€11,357.07) rapprezentanti parti mill-ispejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**